Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 117 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Industriji ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Industriji ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha f'kwalunkwe impriża jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu kollha jew prinċipalment minn dawn li ġejjin:

(a) il-manifattura u l-ipproċessar tal-ġilda, oġġetti tal-ġilda, inklużi l-manifattura ta' handbags u ngwanti; u

(b) il-manifattura ta' stivali, żraben, sandlijiet u xedd is-saqajn oħra, kif ukoll bagalji, brief-cases, basktijiet tal-idejn, basktijiet tax-xiri u basktijiet oħra ta' natura simili:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti

lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi għal impjegati bix-xift u fil-każijiet l-oħra kollha, tfisser perjodu li jibda minn 12:00a.m. ta' ġurnata sa 12:00a.m. tal-ġurnata ta' wara;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"impjegat bix-xift" tfisser impjegat li jkun impjegat fuq bażi ta' ċiklu ta' xift regolari;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1:00 p.m. jew fis-1:00 a.m.;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"xift ta' billejl" tfisser kull perjodu ta' impjieg li jinkludi kwalunkwe sigħat mill-10:00 p.m. ta' ġurnata sas-6:00 a.m. tal-ġurnata ta' wara.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima fil-ġimgħa għandha tkun fir-rigward ta' ġimgħa ta' mhux aktar minn:

(a) erbgħin siegħa (40) xogħol fil-każ ta' impjegati whole-time għajr għassiesa; u

(b) tnejn u ħamsin (52) siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. (1) Impjegati whole-time għandhom ikunu intitolati għall-paga minima fil-gimgħa li ġejja:

(a) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment ġewwa.....€298.27;

(b) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment barra..... €300.60;

(ċ) impjegati oħra..... €229.44.

(2) Fil-każ ta' ħaddiema bix-xift, kemm-il darba kull xift billejl ta' gimgħa ma jkunx segwit minn żewġ (2) xifts wara xulxin ta' ġimgħa bi nhar, kull tali xift jew xifts ta' billejl ta' kull ġimgħa ulterjuri għandu jintitola lill-impjegat għal remunerazzjoni ulterjuri li tammonta għal mhux anqas minn kwart tar-rata normali tal-paga tiegħu.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

Ħin minimu ta' mistrieħ ta' kuljum.

6. L-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux inqas, minn siegħa (1) kuljum b'kollox:

Iżda:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso, l-intervall jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel siegħa u qabel l-aħħar siegħa tal-perjodu tal-impjieg; u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perjodu ta' impjieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat għandu jkun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol:

Iżda fejn sistema ta' xift tipprekludi li jingħataw jumejn (2) ta' mistrieħ f'xi ġimgħa f'xi ċiklu, l-impjegati għandhom jingħataw ġurnata (1) waħda ta' mistrieħ f'dik il-ġimgħa partikolari, u waħda mill-ġranet l-oħra ta' xogħol tal-ġimgħa għandha tiġi mħallsa bir-rata ta' ħin u nofs.

Rati minimi għal sahra.

8. (1) Fil-każ ta' impjegati whole-time, għajr għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn erbgħin siegħa (40) f'xi ġimgħa għajr kull ħin li jitħallas bir-rata ta' sahra..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tmien (8) sigħat kuljum f'xi ġurnata, u għall-ħin kollu maħdum fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ tal-ġimgħa determinata minn qabel..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu maħdum il-Ħadd jew it-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ determinata minn qabel tal-ġimgħa..... ħin doppju;

(d) għall-ħin kollu maħdum f'festa tas-soltu, b'żieda mal-paga normali fis-siegħa..... ħin doppju:

Iżda meta festa tas-soltu tiġi l-Ħadd jew fil-ġurnata l-oħra ta' mistrieħ, is-sahra għandha titħallas biss b'ħin doppju.

(2) Fil-każ ta' għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tnejn u ħamsin (52) siegħa f'xi ġimgħa ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn disa' (9) sigħat f'xi ġurnata..... ħin u nofs.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2):

(a) l-impjegati bix-xift ma għandhomx ikunu intitolati għal ħlas ta' sahra għal ħin maħdum f'xift normali fil-Ħdud jew f'ġurnata ta' mistrieħ;

(b) meta festa tas-soltu taħbat f'ġurnata ta' xogħol, is-sahra maħduma għandha titħallas lill-impjegati whole-time, għajr l-għassiesa, b'ħin u nofs għal xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa f'ġimgħa, neqsin in-numru ta' sigħat li kienu normalment jinħadmu f'dik il-ġurnata minn dak l-impjegat;

(ċ) fil-każ ta' għassiesa, meta festa tas-soltu taħbat f'xi ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt, is-sahra b'ħin u nofs għandha titħallas għal xogħol 'il fuq minn tnejn u ħamsin (52) siegħa f'dik il-ġimgħa.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

9. L-impjegat għandu jedd għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard. Kap. 318.

10. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza teċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

Kap. 318.

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, għandhom jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) L-impjegat whole-time għandu, f'kull sena kalendarja, ikun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza teċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għazla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba fil-leave għall-mard.

(5) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Ħin ta' stennija.

11. L-impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tal-paga attwali applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-fond tal-prinċipal tiegħu jew xi mkien ieħor, sakemm ma jkunx preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu u barra minn dak li jkun qed jistenna li x-xogħol jiġi assenjat lilu;

(ċ) unikament minħabba l-fatt li hu residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali tal-ikel f'kamra jew f'post fejn ma jkunx qiegħed isir xogħol, u hu ma jkunx qiegħed jistenna li xi xogħoljiġi assenjat lilu.

Tipi ta' leave oħra.

L.S. 452.101.

12. L-impjegatigħandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'kwalunkwe regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi

L.S. 452.23.
L.S. 452.69.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben biex jirregola l-Pagi huma b'dan imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.